MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 47/1996/1

Mario u Carmen konjugi Axiaq u
Alfonso Mizzi

Vs

Michael Tabone

**Din hija kawza ta' spoll.**

**Il-Qorti;**

Permezz ta' citazzjoni li giet prezentata fit-28 ta' Frar 1996, l-atturi ppremettew li l-atturi konjugi Axiaq huma proprjetarji u ko-possessuri ma' l-attur l-iehor Alfonso Mizzi ta' porzjon raba' msejha Tal-Lunzjata, limiti tal-Fontana, Ghawdex tal-kejl ta' 10,716.4 metri kwadri, li min-nofsinhar tikkonfina ma' passagg, punent ma' beni tal-ahwa Tabone u tramuntana ma' beni tad-Djocesi ta' Ghawdex.

Illi fis-27 ta’ Jannar 1996, il-konvenut bil-hsieb li jezercita dritt li jippretendi li ghandu kkommetta spoll vjolenti u klandestin meta qabad u dahal fir-raba’ fil-pussess tal-atturi u gabar minnu madwar mitt (100) qata’ qasab, li kienu gew maqtugha mill-istess attur Alfonso Mizzi u hadhom fil-proprjeta tieghu.

Illi meta l-attur Alfonso Mizzi gibidlu l-attenzjoni li dan ma setax jaghmlu ghaliex il-qasab kien qataghhom huwa bil-permess ta’ l-atturi konjugi Axiaq, minflok ma rega’ pogga l-qasab fejn kienu, kien pront u tela’ minn fejn il-wied u cioe’ mill-parti fejn kien hemm dan il-qasab maqtugh ghal raba’ ta’ fuq fejn kien l-attur, Alfonso Mizzi u wara li aggredieh, sawtu fil-presenza tat-tifel tal-istess Alfonso Mizzi u ghamlu griehi f’xuftejh u tefghu mal-art ta’ l-inqas tlett darbiet.

Illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

Talbu l-atturi sabiex din il-Qorti tiddikjara:-

1. Li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin.

2. Tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti, jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess fil-konfront taghhom billi jerga’ jaghmel kollox fl-istat pristinu tieghu.

3. Fin-nuqqas, jekk ighaddi dan iz-zmien inutilment, ghaliex l-atturi m’ghandhomx jigu awtorizzati biex jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji sabiex ipoggu kollox fl-istat pristin tieghu u dana ghas-spejjez tal-istess konvenut u, jekk hemm bzonn, taht id-direzzjoni ta’ perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini.

4. F’kaz li l-istess reintegrazzjoni ma tistax issir kompletament, ghaliex il-konvenut m’ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-atturi l-valur tal-istess qasab u dana okkorrendo wkoll permezz ta’ perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-8 ta’ April, 1996[1] il-konvenut eccepixxa:-

1. In-nullita tac-citazzjoni in kwantu tikkontjeni konfuzjoni bejn azzjoni possessiva u azzjoni petitorja billi l-atturi qeghdin fl-istess waqt jitolbu ir-reintegrazzjoni fl-ispoll allegatament kommess u kif ukoll il-hlas tad-danni.

2. In-nullita’ tat-talbiet attrici billi l-agir li minnu qieghdin jilmentaw l-atturi ma jippermettix reintegrazzjoni.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess ma jissusstux l-elementi sabiex jiggustifikaw il-kawza ta’ spoll.

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-konvenut ma ghamel xejn bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi u merament segwa l-prattiki antiki li jirregolaw l-uzu tal-Wied tal-Lunzjata.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-kawza fl-ismijiet Mario Axiak et vs Michael Tabone (Citaz. Numru 96/1993), li qeghdha wkoll tigi deciza llum.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fis-27 ta’ April 2007 u dik prezentata mill-konvenut fit-22 ta’ Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2007 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Illi fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti ma ssib l-ebda nullita’ tac-citazzjoni mill-fatt li l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni ta’ spoll u fl-istess hin jitolbu hlas ta’ danni. Fl-ewwel lok id-danni qeghdin jintalbu b’mod alternattiv, cjoe’ *“f’kaz li l-istess reintegrazzjoni ma tistax issir kompletament……”*[2]. Fit-tieni lok ma jfissirx li min

[1] Fol. 9.
[2] Fol. 2.

ikun sofra spoll ma jkunx jista' wkoll jitlob hlas ta' danni kontra min ikun ha l-ligi b'idejh. L-ideja generali hi l-azzjoni ta' spoll hija nkompatibbli ma' talba ghad-danni ghaliex f'azzjoni ta' spoll l-unika indagini li l-Qorti tista' taghmel hija dik indikata fl-**artikolu 791 (3) tal-Kap 13** li jghid espressament u minghajr lok ta' ekwivoku li ***"il-qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll"*** u xejn izjed. Dan ghaliex il-Qorti f'kawza simili hija biss interessata li tara li dak li kkometta l-ispoll ghandu jirreintegra kollox fl-istat li kien qabel gie kommess l-att illegali. Huwa minnu li hemm gurisprudenza li tikkonferma li l-kwistjoni ta' danni tinvolvi indagni ta' drittijiet ta' natura petitorja in kwantu wiehed irid jezamina d-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partjiet fil-kawza u ghalhekk talba simili m'hijiex ammissibbli f'kawza ta' spoll. F'dan ir-rigward il-Qorti ttendi sabiex taqbel ma' dak li nghad fis-sentenza **Notaro Luigi Gauci Forno vs Caterina Gravino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1931 u citata mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. F'dik il-kawza saret talba wkoll sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas il-valur ta' l-oggett formanti parti mill-azzjoni ta' spoll. Il-Qorti sewwa qalet li f'kawza lit alba simili *"…..importa l'assunto di pretensione di danni consistenti nel valore di quelle cose supposte sottratte all'asse ereditario rappresentato dall'attore; e simile pretensione non potrebbe essere esaminata e definita se non con pregiudica dell'azione petitoria in quanto che essa necessariamente spinge alla indagine verso la questione del merito se lo spogliatore, impossessandosi della cosa di cui l'attore richieda la restituzione, non siasi impossessato di cosa propria: che se chi e' convenuto nel giudizio sull'azione di reintegrazione assuma di dimostrare trattarsi di cosa a lui appartenente, come mai si potrebbe dal tribunal aggiudicare all'attore il risarcimento di danno consistente nel valore della cosa, molto piu' che per l'esercizio della reintegranda non occorre neanche' dimostrarsi dallo attore il legittimo possesso ? Tale domanda dell'attore conseguentemente costituerebbe l'inosservanza alla regola che il giudizio possessorio proceda separato e distinto dal giudizio petitorio, per cui l'uno non va accumulato coll'altro"*. Pero' din il-Qorti hi tal-fehma li

hemm kazijiet fejn il-kwistjoni tad-danni tista' facilment titqies bhala accessorja ghad-domanda principali ghar-reintegrazzjoni, bhal fejn per ezempju d-danni reklamati huma dawk li wiehed ikun sofra fil-perjodu bejn meta jsehh l-ispoll u sakemm jinghata lura l-pussess. Orjentament li jidher li gie abbracjat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (ara f'dan is-sens sentenzi numru 1984 tal-24 ta' Frar 1998 u n. 9871 tat-22 ta' Novembru 1994 fejn giet ammessa talba ghar-rizarciment tad-danni f'kawzi possessorji). F'artiklu *intestat Tutela del Possesso e Pubblica Amministrazione* pubblikat fir-rivista Nuova Rassegna (2004 numru 8) l-awtrici Avukat Laura Marzano rrilevat:- *"Non va dimenticato, a tale proposito, che la lesione di quel rapporto di signoria sulla cosa, che si è definito possesso, viene inquadrata, in giurisprudenza, come fatto illecito, produttivo di responsabilità civile per l'autore della condotta. Tale illecito è ritenuto di natura extracontrattuale, in quanto scaturisce dalla lesione di una situazione giuridicamente rilevante tutelata erga omnes, inquadrandosi nella fattispecie normativa di cui all'art. 2043 c.c. È questa la ricostruzione delineata dalle sezioni unite della Corte di cassazione nel fondamentale arresto del 22 novembre 1994, n. 9871 (142), secondo cui «la molestia e lo spoglio costituiscono atti illeciti che ledono il diritto soggettivo del possessore alla conservazione della disponibilità materiale della cosa e obbligano chi li commette al risarcimento del danno".* F'kull kaz pero', il-fatt li saret talba ghad-danni ma tirrendix ic-citazzjoni nulla[3]. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda. Is-sentenza stess li ccita l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (**Valentini Valentino et vs Tarcisio Azzopardi** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2001) filwaqt li cahdet talbiet ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni f'azzjoni ta' spoll, ma ddikjaratx ic-citazzjoni bhala nulla.

2. Illi bl-istess mod il-Qorti ser tichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut. L-agir li qeghdin jilmentaw minnu l-atturi jippermetti r-reintegrazzjoni, cjoe' li jinghata lura l-

[3] Ara f'dan ir-rigward sentenza in parte moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Victoria Sammut et** (Cit. nru:- 875/2001) deciza fit-13 ta' Frar 2003.

qasab li nqatta' u ttiehed mill-konvenut. Ovvjament f'dan ir-rigward it-trapass ta' dawn is-snin kollha minn meta saret din il-kawza, hija fir-realta' problema sabiex dan ikun jista' jsir.

3. Illi l-atturi ntavolaw din l-azzjoni wara li qeghdin jallegaw li fis-27 ta' Jannar 1996 il-konvenut qabad u dahal fl-art tal-atturi konjugi Axiaq u minn hemm gabar qasab li kien gie maqtugh mill-attur l-iehor Alfonso Mizzi. Fil-perjodu li fih giet intavolata din il-kawza kien hemm diga' kawza ohra pendenti bejn il-konjugi Axiaq u l-konvenut (**Mario Axiak et vs Michael Tabone** [Citaz. Numru:- 96/1993] li tittratta wkoll kawza ta' spoll u li qeghda tigi deciza llum).

4. Kif sewwa nghad fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957):-*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta' l-utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' disposizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi ddritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti".*

5. L-elementi li ghandhom jigu ppruvati huma tlieta[4]:-

(a) **Il-pussess**, *"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew*

[4] *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra dik li tistabbilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/ detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* (**"Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone"-** Appell Civili 9 ta' Marzu 1992).

*klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu **semplici detenzjoni**".* **("Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952). Hu pacifiku li l-espressjoni *"pussess ta' kwalsiasi xorta" tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz (**Vol XLII pII p973**). Pero hu mehtieg dejjem li l-attur jipprova li ghandu dan il-pussess (**Vol XXXII pII p238**). Anke wiehed qasir hafna u sahansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta' spoll (**Vol XXXVII pII p642**)"* (**John Sammut vs Emanuel Sammut** deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla presjeduta mill-Onor. Imhallef P. Sciberras fil-31 ta' Jannar 2003)[5].

(b) **It-tehid tal-pussess bl-eghmil tal-konvenut**;

(c) **L-azzjoni trid tinbeda fi zmien xahrejn minn meta jsehh l-ispoll**.

6. Mill-provi rrizulta li hemm wied bejn l-art tal-konjugi Axiaq u tal-konvenut. Hemm kwistjonijiet bejniethom dwar min ghandu d-dritt li jaqta' l-qasab li jikber f'dan il-wied. Min-naha tal-konvenut dan jidher li jaccetta li l-wied m'huwiex il-proprjeta' tal-familja Tabone. Tant hu hekk li huh, Francis Tabone, xehed permezz ta' affidavit u ddikjara li *"l-ghalqa taghna l-konvenuti tasal ezatt mal-wied u tasal sa l-istess livell tieghu"*[6]. Fatt li rega' gie kkonfermat minnu meta sarlu kontro-ezami fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2007. Spjega wkoll li huma xtraw minghand Vincent Debono u Frankie Debono u li *"is-sidien Debono kienu urewna sa fejn tasal il-proprjeta' u sa fejn konna intitolati nahdmuha. Vincent Debono u Frankie Debono kienu qalulna illi r-raba' tasal ezattament sa fejn jispicca r-raba' biswit il-wied"*. L-istess xehed il-konvenut Michael Tabone fl-affidavit li pprezenta fis-seduta tat-28 ta' Jannar

---

[5] *"Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat; u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-possessur in mala fede u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm il-pretensjoni li gie kommess l-ispoll…. Il-pussess mehtieg fil-kawza ta' spoll de recenti huwa l-pussess materjali u di fatto jew ahjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun"* (**Vincenzo Sammut et vs Salvatore Camilleri** – Vol. XXXVI.ii.558).

[6] Affidavit prezentat fit-28 ta' Frar 2007.

2005 fil-kawza l-ohra li qeghda tigi deciza llum (citaz. Numru 96/1993) u jsostni li l-wied mhu proprjeta' ta' hadd. Min-naha taghhom l-atturi konjugi Axiaq isostnu li l-wied huwa proprjeta' taghhom[7]. Pero' dak li jinteressana f'din il-kawza mhux ta' min hi l-proprjeta' tal-wied imma l-pussess materjali.

7. Fl-incident meritu ta' din il-kawza kienu nvoluti l-attur Alfonso Mizzi u l-konvenut Michael Tabone. Hemm verzjonijiet divergenti dwar dak li gara:-

- **Alfonso Mizzi**[8] xehed li huwa midhla tal-inhawi tal-Lunzjata u li kien jahdem l-ghalqa ta' l-attur Mario Axiaq. Spjega li bil-permess ta' l-attur huwa kien jaqta' l-qasab mill-wied u jiehdu, u kien ilu jaghmel hekk sa minn tlett snin qabel. In kontro-ezami spjega li:- *"jien ezattament kif inhu maqsum il-wied ma nafx pero' naf li fuq in-naha ta' Axiaq dejjem l-istess Axiaq kien jaqtghu"*[9]. Ikkonferma wkoll li ta' Tabone kienu jaqtghu l-qasab mill-wied tal-parti li tigi n-naha tal-proprjeta' taghhom, u li *"dakinhar ta' l-incident jiena qtajt il-qasab sa nofs il-wied. Ghalkemm ma nistax nghid kemm kien baqa' qasab in-naha l-ohra"*[10], u li l-qasab kien ilu li nqata' xi xahar qabel u kien mitfugh mal-gemb. Spjega wkoll li dakinhar ta' l-incident kien qieghed fir-raba' tal-Lunzjata flimkien ma' ibnu Josmar u waqt li kienu qeghdin izarmaw il-mohriet ra lill-konvenut jiehu l-qasab li kienu qatghu. Ikkonferma wkoll li mar ikellmu u talbu spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed jiehu l-qasab, u li l-konvenut hebb ghalih u kkagunalu griehi.

---

[7] Ara fol. 223 – xhieda ta' Mario Axiaq in kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Mario Axiaq et vs Michael Tabone** (Cit. nru:- 96/1993). Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 li saret quddiem l-Assistent Gudizzjarju gie verbalizzat hekk (fol. 45):- *"Dr. Anton Refalo jitlob li x-xhieda li ngabru fil-process kriminali Il-Pulizija vs Michael Tabone u il-Pulizija vs Alfonso Mizzi jigu nseriti f'din il-kawza b'riserva li kull parti jaghmel il-kontro-ezamijiet ulterjuri. Dr. Michael Grech ma jopponix"*.

[8] Fol. 65-66.

[9] Fo. 77 (traskrizzjoni ta' xhieda moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Mizzi** u **Il-Pulizija vs Michael Tabone**).

[10] Fol. 78,

- **<u>Josmar Mizzi</u>**[11] **–** iben l-attur jispjega li dakinhar tal-incident kienu qeghdin jahartu r-raba' tal-attur Mario Axiaq. F'hin minnhom raw lill-konvenut jiehu l-qasab li kien ilu xahar maqtugh u li kien mal-hajt tal-wied, u li Mario Axiaq kien tahom permess biex jaqtghu. Inqala' argument bejn missieru u l-konvenut u gew fl-idejn; *"mistoqsi fejn kien ezattament Michael Tabone nghid li kien fuq in-naha ta' l-ghalqa fejn konna ahna u kien qed igorr il-qasab min-naha taghna ghan-naha tieghu"*.

- **<u>Michael Tabone</u> –** xehed li kien nizel fil-wied u sab li l-qasab kien inqata' kollu; *"**rajt il-qasab qieghed qtajja' qtajja' <u>mal-gemb tal-wied tan-naha ta' Axiaq</u> u ghaddhieli hsieb li dan il-qasab, billi kien inqata' mill-art taghna, kellna minnu ahna.** Ghalhekk inzilt fil-wied u qbadt xi qtajja tal-qasab u garrejthom ghan-naha taghna"*[12]. Spjega wkoll li *"….matul is-sena ta' qabel Alfonso Mizzi kien beda jaqta' il-qasab u konna bghatnielu bil-pulizija biex ma jkomplix u fil-fatt waqaf"*. Fir-rigward ta' l-incident li nqala', il-verzjoni moghtija mill-konvenut hi li kien l-attur Mizzi li hebb ghalih. F'affidavit li ghamel il-konvenut[13] spjega li huwa ma kkommetta l-ebda spoll ghaliex, *"….il-qasab minn go fih dejjem qtajnieh kemm jien kif ukoll il-konvenuti, u ghalhekk hemmhekk hadt sempliciment il-parti li kienet tmiss lili. Fit-tieni lok ghaliex il-wied ma jappartjenix zgur lill-atturi"*.

- **<u>Mario Axiaq</u>** – xehed li huwa kien ta permess lill-attur l-iehor Alfonso Mizzi sabiex *"jaqta' l-qasab mill-wied l-isfel billi hemmhekk tinsab il-parti tieghi ghaliex il-qasab li jigi mill-wied 'il fuq u cioe' lejn il-punent, tappartjeni lill-familja ta' l-imputat Tabone"*[14] u li skond hu l-qasab li gie maqtugh kien il-parti tan-naha ta' l-attur. F'xhieda li ta fil-kawza **Mario Axiaq et vs Michael Tabone** (Cit. numru:- 96/93)[15] iddikjara li l-wied huwa

[11] Fol. 56-57 (xhieda moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Mizzi** u **Il-Pulizija vs Michael Tabone**).
[12] Fol. 81.
[13] Ara l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Mario Axiaq et vs Michael Tabone** (cit. nru:- 96/93) a fol. 329.
[14] Fol. 63 (xhieda moghtija fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfonso Mizzi** u **Il-Pulizija vs Michael Tabone**).
[15] Fol. 101.

bicca wahda mar-raba' tieghu u qabel kien f'idejn missier il-mara tieghu. Kompla jghid li *"….Tabone mal-wied ma kellhomx x'jaqsmu u qatt ma uzawh. Ta' Tabone kellhom raba' faccata taghna man-naha l-ohra tal-Wied. Kien ghadhom qabel ma dhalna ahna. Fis-seba' snin li ilu ghandi r-raba' Tabone qatt ma uzaw il-qasam jew l-ilma tal-Wied"*.

8. Mill-provi jirrizulta li l-qasab li huwa l-meritu ta' din il-kawza kien inqata' minn Alfonso Mizzi xi xahar qabel ma nqala' l-incident li huwa l-meritu ta' din il-kawza. Kawza li damet 'il fuq minn ghaxar (10) snin fuq ftit qasab, b'diversi differimenti, meta suppost kawza ta' spoll ghandha tinghata prijorita' fuq kawzi ohra u fejn l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa limitatament li tistabilixxi min kellu l-pussess. Kawza li twalet inutilment ghal snin shah b'sensiela twila ta' differimenti fejn ma kien qieghed isir l-ebda progress. Agir li l-Qorti ma tistax tonqos milli tikkummenta dwaru u li kkontibwew ghalih il-partijiet fil-kawza. Il-kwistjoni vera bejn il-kontendenti hija dwar jekk:-

(a) Il-konvenut ghandux xi drittijiet fuq il-wied jew parti minnu;

(b) L-atturi konjugi Axiaq humiex il-proprjetarji tal-wied kif jallegaw li huma.

Pero' kif gie osservat iktar 'il fuq, din il-kawza hija ta' natura possessorja. M'hemmx dubju li l-konjugi Axiaq u l-attur l-iehor Mizzi kienu jaqtghu l-qasab minn gewwa l-wied. Jirrizulta wkoll li effettivament il-qasab li ha l-konvenut kien qatghu l-attur Alfons Mizzi u poggieh man-naha tal-hajt tal-ghalqa ta' Axiaq. Minn provi mressqa mill-atturi stess jirrizulta wkoll li fl-antik il-qasab ta' parti mill-wied kien jinqata' mill-awturi tal-konjugi Axiaq, filwaqt li l-parti l-ohra tal-wied mill-awturi tal-konvenut. F'dan is-sens per ezempju xehed Francesco Cordina[16] fejn spjega:- ***"nofs il-wied kien fl-antik f'idejn in-nannu tal-attrici. In-nofs l-iehor kien ghand haddiehor. Il-qasab tal-atturi jasal minn nofs il-wied sal-hajt tan-naha tieghu.***

[16] Seduta tat-22 ta' Novembru 1995 quddiem il-perit legali Dr. Marco Grixti.

***Wara li miet in-nannu tal-attrici r-raba hadu l-attur f'idejh, ghandu r-raba, il-qasab u nofs il-wied mit-tul"***.

9. Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz odjern, il-konvenut Tabone effettivament ha l-ligi b'idejh meta ha l-qasab maqtugh u li thalla man-naha tal-wied li kien fil-pussess ta' Tabone. Hu stess ammetta li l-qasab maqtugh rah "……***<u>mal-gemb tal-wied tan-naha ta' Axiaq</u> u ghaddhieli hsieb li dan il-qasab, billi kien inqata' mill-art taghna, kellna minnu ahna".*** *Ex admissis* huwa gabar il-qasab li kien maqtugh u hadu, minkejja l-oggezzjoni ta' Alfonso Mizzi li effettivament kien qata' l-qasab. Il-fatt li jidher li Alfonso Mizzi halla l-qasab li kien qata' mal-gemb tal-hajt li jaqsam il-wied mir-raba' ma jfissirx b'daqshekk li ma kellux il-pussess tal-qasab (kif argumenta l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu). Dak il-qasab qattghu l-attur Mizzi u poggieh mal-parti tal-wied li m'hemm l-ebda kwistjoni li l-konvenut ma jippretendi ebda dritt fuqha. Ghalhekk hemm anke t-tieni element tal-*actio spolii*, in kwantu intwera li l-ghemil spoljattiv kien wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-atturi[17]. Dak li qeghda tistharreg il-Qorti f'din l-istanza m'huwiex jekk Alfonso Mizzi ghamilx tajjeb, pero' jekk fir-realta' l-konvenut ha l-ligi b'idejh meta ha l-qasab li kien qata' l-attur Mizzi u dan minkejja l-oggezzjoni tal-istess Mizzi. Il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi rrizulta li Tabone hekk ghamel. Dahal fil-parti tal-wied li kienet fil-pussess tal-konjugi Tabone u ha l-qasab li kien maqtugh minn Alfonso Mizzi ghall-uzu tieghu. Fir-rigward tat-tielet element, cjoe' li l-kawza saret fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv, m'hemmx x'jinghad. L-incident sehh fis-27 ta' Jannar 1996 u l-kawza giet intavolata fit-28 ta' Frar, 1996 igifieri entro x-xahrejn (li huwa perjodu ta' dekadenza) li tiffissa l-ligi. Huwa maghruf li l-azzjoni trid tigi promossa *"infra bimestre"* mill-kummissjoni tal-att spoljattiv ("**Alfonso Sammut –vs- Victor Mallia et**, Prim'Awla,

[17] *"biex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll, mhux mehtieg bix dak ikun vjolenti, li jkun hem mil-vis atrox jew le vie di fatto, imma hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu, ta' min isofri l-ispoll"* (**Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 1957 – Vol. XLI.ii.846).

Qorti Civili, 24 ta' Gunju 1971). Fic-cirkostanzi ghalhekk hemm l-elementi kollha ta' l-*actio spolii*.

10. Fir-rigward ta' l-atturi Mario u Carmen konjugi Axiaq, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li saru mill-konvenut fis-sens li kien l-attur stess li ddikjara li ma kellux interess fil-qasab in kwantu kien bieghu lil Alfonso Mizzi (ara xhieda moghtija fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2003 a fol. 276 fil-kawza fl-ismijiet **Mario Axiaq et vs Michael Tabone** [citaz. Numru 96/1993]). Ghalhekk ma jirrizultax li l-atturi konjugi Axiaq ghandhom interess guridiku f'dawn il-proceduri.

11. Mill-provi ma rrizultax jekk effettivament dan il-qasab li ha l-konvenut ghadux jezisti. F'dan ir-rigward hija nteressanti s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[18] fil-kawza fl-ismijiet **Estelle Azzopardi Vella et vs Michael Muscat** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Numru:-300/1988) fil-21 ta' Ottubru 2002, pero' li ghadha pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. F'dik il-kawza l-Qorti ghamlet riferenza ghal-ligi Taljana u gurisprudenza Taljana li ssostni li l-azzjoni ta' spoll ma tirnexxix jekk l-oggett jigi distrutt, madankollu "*id-duttrina legali sostniet illi* ***fejn ir-restituzzjoni jew repristinar ma huwiex possibbli, l-gudikant jista' jaghti provvediment ta' kundanna pekunjarja jew provvediment kawtelarju mahsub biex jillimita d-dannu ('reintegra per equivalente".*** Hawnhekk jidhol l-argument li fejn l-attur jitlob il-valur tal-oggett li minnu jigi spoljat ghaliex per ezempju jkun irrizulta li gie distrutt u jkun hemm kontestazzjoin dwar lil min jappartjeni, irid jigi determinat proprjeta' ta' min hu l-oggett. Dan l-esercizzju zgur li jmur lil hin minn dak li titlob l-azzjoni possessorja u l-Qorti m'hijiex tal-fehma li kwistjoni bhal din ghandha tigi deciza f'dawn it-tip ta' proceduri. L-istess fil-kaz tal-lum hemm kwistjoni dwar lil min jappartjeni l-qasab li qatgha Alfonso Mizzi u li minnu ha l-konvenut, kwistjoni li fil-fehma tal-Qorti m'ghandix tigi determinata f'dawn il-proceduri

---

[18] Onor. Imhallef P. Sciberras.

ghaliex inkellha verament ikollok il-kumulu tal-azzjoni possessorja ma' dik petitorja[19].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatament fil-konfront ta' Mario u Carmen konjugi Axiaq.

2. Tichad l-eccezzjonijiet fil-konfront ta' Alfonso Mizzi limitatament in kwantu dawn jirreferu ghall-ispoll, u b'hekk:

(a) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll meta ha l-qasab li kien inqata' minn Alfonso Mizzi mill-wied.

(b) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien hmistax-il (15) gurnata mil-lum jirreintegra lill-attur Alfonso Mizzi fil-pussess tal-qasab.

(c) Tichad it-tielet (3) u raba' (4) talbiet b'rizerva ghal kull jedd ta' azzjoni ghad-danni favur Alfonso Mizzi.

Spejjez ta' l-atturi Mario u Carmen konjugi Axiaq jibqghu a karigu taghhom u ghall-atturi kollha l-ispejjez tat-tielet u r-raba' talba. Il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' l-ewwel zewg talbiet fil-konfront ta' Alfonso Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[19] *"Il divieto del cumulo dei due giudizi essendo di ordine pubblico, ed espressamente in modo assoluto vietato dalla legge, tale inefficacia non potrebbe venire sanata colla acquiescenza ovvero col consenso, sia espresso sia tacito, della controparte; ne' il giudice, a cui e' affidata l'osservanza e l'applicazione della legge, potrebbe passarvi sopra senza violare l'autorita' della stessa"* (**Padre Pace Angelico noe et vs Massa Giuseppe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru 1907 Vol. XXB.ii.368).